# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2019.**

**Numru 2**
**Rikors numru 71/2018MCH**

**Alfred Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tas-6 ta' Novembru 2018 l-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia intervenew *in statu et terminis* f'dawn il-proċeduri**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors li ppreżenta fit-2 ta' Lulju, 2018 ir-rikorrent talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat-22 ta' Mejju, 2018 fil-kumpilazzjoni **Il-Pulizija v. George Degiorgio et**, jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll l-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni. Talab ukoll sabiex tagħti r-rimedji xierqa fosthom l-isfilz tax-xhieda li nstemgħet fl-imsemmija seduta u d-dokumenti preżentati.

2. Digriet li bih dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex dakinhar ma jixhdux uffiċċjali mill-Federal Bureau of Investigation tal-Istati Uniti.

3. B'sentenza tas-6 ta' Ġunju, 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent wara li qalet:

> "*Hu minnu illi illum ix-xiehda tal-ufficjali tal-FBI u d-dokumenti minnhom esebiti jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra r-rikorrenti. Pero l-atti ta' kumpilazzjoni huma sa issa mhux konkluzi u l-kawzi Kostituzzjonali li ghandu pendenti l-istess rikorrenti huma intizi biex din ix-xiehda u provi esebiti jigu mnehhija mill-atti tal-kumpilazzjoni ghar-ragunijiet hemm imsemmija. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi sa dan il-mument r-rikorrenti ma sofriex zvantagg procedurali insormontabbli u d-digriet tal-Qorti Istruttorja tat-22 ta' Mejju 2018 ma ghandux u ma jistax jittiehed fis-sens li l-effett tieghu ma jistax jinbidel b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li biha trid tintrabat il-Qorti Istruttorja. Id-dritt sancit bl-artikolu 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli quddiem Qorti imparzjali u indipendenti fejn kull parti ghandha l-parita tal-armi ma giex mittifes lir-rikorrenti. Id-dritt ghal smigh xieraq ma giex imnehhi lir-rikorrenti tant li x-xiehda tal-ufficjali tal-FBI u d-dokumenti esebiti ghad jistghu jigu imnehhija mill-atti tal-kumpilazzjoni b'ordni tal-Qorti Kostituzzjonali. Mhux hekk biss izda l-atti fil-kumpilazzjoni mhumiex l-ahhar stadju tal-proceduri kriminali ghax ghalihom ma inhargux akkuzi definittivi billi l-kumpilazzjoni ghadha ghaddejja u ghalhekk lanqas ghadna fi stadju li ser jinbeda xi guri fil-konfront tar-rikorrenti. Ghalhekk ir-rikorrenti ghad ghandu diversi rimedji ordinarji a dispozizzjoni tieghu inkluz li jerga' jitlob l-isfilz tax-xiehda u dokumenti tal-agenti tal-FBI quddiem il-Qrati fil-vesti Kriminali. Tajjeb li jigi sottolineat illi r-rikorrenti ma jispecifikax liema parti tal-artikolu 6 tal-Kap. 319 u 39 tal-Kostituzzjoni gew mittifsa bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati pero l-Qorti qed tassumi li dak li qed jillanja minnu r-rikorrent hu n-nuqqas ta' zmien biex jinstema l-appell tieghu mid-digriet tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali taghha.*
>
> "*Dan iwassal lil Qorti biex tqis illi dak li qed jallega r-rikorrenti cioe li d-digriet tal-Qorti Istruttorja tat-22 ta' Mejju 2018 effettivament cahdu mid-dritt ta' appell mid-digrieti tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali taghhom ukoll ma fihx mis-sewwa fil-mertu tal-istess.*
>
> "*Jibda biex jinghad illi r-rikorrenti appella mid-digriet tal-21 ta' Mejju 2018 fil-kawza 52/2018LSO pero sussegwentement cedih. Tali digriet kien fis-sens illi t-talba ghal interim measure kienet frivola u vessatorja. Hu pacifiku fil-ligi u fil-gurisprudenza li ma hemm ebda dritt ta' appell minn sentenzi f'dan is-sens [ara art. 4(5) tal-Kap. 319 u artikolu 46(5)] tal-Kostituzzjoni. Pero dan hu digriet mhux sentenza u l-Qorti ma issibx*

*l-argument tal-intimati li ma hemmx appell minn digriet simili bhala wiehed gust. In kwantu ghad-digriet tat-22 ta' Mejju 2018 fil-kawza 57/2018AF ir-rikorrenti ma appellax minnu. Fiz-zewg kazijiet il-Qorti ma tqis li r-rikorrenti gie mcahhad mid-dritt tieghu ta' appell. Il-proceduri ta' natura Kostituzzjonli u dawk quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma indipendenti minn xulxin. Jekk il-Qorti tal-Magistrati, kif kellha dritt taghmel waslet ghal konkluzjoni li tichadlu t-talba biex ma jixhdux l-ufficjali tal-FBI, u anki jekk hi hadet in konsiderazzjoni d-digrieti tal-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali, dan ma jfissirx li gie mcahhad lilu d-dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mid-digrieti tal-21 u 22 ta' Mejju 2018. Jekk ir-rikorrenti ceda appell gia mibdi dan ghamlu bir-rieda tieghu, u jekk ghazel invece li ma jappellax dan kien ghax ma ghazilx li jaghmel hekk. Id-digrieti tal-Qorti Inkwirenti ma impeditux milli jaghmel dan u l-Qorti Kostituzzjonali ghandha setgha ampja li jekk issib li interim measure hu misthoqq pero x-xiehda lahqet inghatat, dejjem setghet taghti kull rimedju iehor opportun fis-sens li x-xiehda u dokumenti ma jigux inseriti fl-atti tal-kumpilazzjoni sakemm jinqatghu l-kawzi Kostituzzjonali. In oltre kwistjonijiet ta' termini ta' appell huma regolata mil-ligi u ladarba huma cari u jaghtu ragonevolezza ta' zmien lil persuna biex issegwihom, ma jistax jinghad li hemm lezjoni. Jekk ir-rikorrenti in oltre ghazel li jiftah il-kawza Kostituzzjonali 52/2018 fil-11 ta' Mejju 2018 u l-kawza 57/2018 fit-18 ta' Mejju 2018 u jitlob interim measures f'dak il-perjodu ristrett qabel is-seduta tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Mejju 2018, zgur ma jista' jahti hadd jekk ma kien hemm bizzejjed zmien biex jigu segwiti b'kumdita t-termini kollha stabbiliti mill-ligi. Del resto r-rikorrenti kien ilu jaf li ser jitilghu jixhdu agenti tal-FBI mit-12 ta' April 2018 u l-Qorti ma tifhimx kif ir-rikorrenti stenna sa ftit jiem qabel is-seduta tal-Qorti Istruttorja biex iressaq il-lanjanzi Kostituzzjonli fuq dawn ix-xiehda u jitlob interim measure. Hi l-fehma tal-Qorti li jekk sehhet cahda fis-sens ta' zmien biex jinstema u jigi deciz appell eventwali minn digriet ghal interim measure din kienet inflitta mill-istess rikorrenti fuqu stess.*

"*Il-Qorti ma taqbilx li r-rikorenti gie mcahhad mid-dritt ta' doppio esame. Kif gia inghad l-artikou 6 tal-Kap. 319 u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jahsbu ghal garanzija ta' natura procedurali pero mhux intizi jidhlu fis-sustanza tal-mertu ta' decizjoni kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti mid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati.*

"*B'zieda ma' dan il-Qorti wkoll tirreleva illi ma jistax ikun hemm ebda lezjoni ta' ebda dritt kif allegat mill-istess rikorrenti billi kien ghadu fil-possibilta reali u effettiva li jitlob interim measure mill-Qorti Civili fil-kawzi minnu intavolati biex dak li sehh cioe x-xiehda tal-ufficjal tal-FBI quddiem il-Qorti Istruttorja jinzamm milli jifforma parti mill-atti istruttorji sakemm jigu decizi finalment il-kawzi Kostituzzjonali b'referenza ghal mertu li jolqot direttament din ix-xiehda u dokumenti prodotti. Il-Qorti Civili fil-vesti Kostituzzjonali kif inghad diga hi munita b'diskrezzjoni ampja u wiesa dwar x'rimedji inkluz dawk provvizorji tista' taghti biex tipprevjeni vjolazzjoni ta' dritt anki wiehed percepit u dan sakemm tigi kunsidrata u deciza l-kwistjoni sollevata fil-mertu.*

> "*Dan kollu jallacja wkoll mal-allegazzjoni tar-rikorrenti a bazi tal-artikolu 13 tal-Kap. 319 li jghid li kull persuna hi intitolata ghal rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali. Ir-rikorrenti ma gie mcahhad minn ebda rimedju effettiv la ghal lanjanzi tieghu Kostituzzjonali li ghadhom pendenti u hemm anki d-dritt tal-appell minnhom u wisq anqas ma gie mcahhad minn tali rimedju mitlub jekk jinsab lezjoni tad-drittijiet tieghu u jissana u jikkoregi dak li sehh quddiem il-Qorti tal-Magistrati inkluz ghoti ta' kumpens ghal lezjoni subita li kif gia rilevat sa issa ma jitqies ta' ebda pregudizzju insormontabbli jew irrimedjabbli. Il-Qorti izzid li anki l-kawza quddiem din il-Qorti hi prova li ghandu rimedju effettiv dejjem jekk jinstab li ghandu ragun*".

4. B'rikors preżentat fit-18 ta' Ġunju, 2019 ir-rikorrent appella mis-sentenza fejn:

i. Fl-ewwel aggravju argumenta li kellu jedd jappella mid-deċiżjonijiet tal-21 u 22 ta' Mejju, 2018 li bihom il-qorti ċaħditlu t-talba għall-ordni temporanja. F'dan l-aggravju semma r-raġunijiet għalfejn ma jaqbilx mas-sentenza tal-ewwel Qorti. Ir-rikorrent isostni li bid-digriet li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ġie mċaħħad mid-dritt li jappella u dan wassal sabiex fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2018 xehdu l-uffiċjali tal-FBI.

ii. Fit-tieni aggravju argumenta li r-rimedju effettiv li kellu jedd għalih skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, kien id-*doppio esame* u mhux rimedju fil-meritu. Żied li d-digriet tat-22 ta' Mejju, 2018 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ġab miegħu ksur tal-jedd fundamentali li jissemma fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

5. L-intimat u l-intervenuti fil-kawża wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Fatti prinċipali</u>**.

i. Fil-5 ta' Diċembru, 2017 ir-rikorrent flimkien ma' tnejn min-nies oħra tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kien akkużat fost affarijiet oħra bl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia.

ii. Fil-11 ta' Mejju, 2018 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża 52/2018 li fiha qiegħed jikkontesta l-fatt li l-persuni tal-Federal Bureau of Investigation (FBI) tal-Istati Uniti kienu waqt l-inkjesta maġisterjali ħadmu flimkien mal-avukat Dr Martin Bajada li kien nominat bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti. F'dik il-kawża r-rikorrent sostna li Dr Bajada ma kellux jinħatar bħala espert tekniku mill-maġistrat inkwirenti minħabba li kellu preċedenti ta' natura penali.

iii. Fit-18 ta' Mejju, 2018 ir-rikorrent ippreżenta l-kawża 57/2018AF li fiha qiegħed jikkontesta l-validita` tal-Avviż Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (L.S. 440.01), għaliex isostni li jiksru d-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 7, 8, 11 u 52(1) tal-Karta

tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju, 2002 (*E-Privacy Directive*). Ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li kull *data* li nġabret mill-operaturi tas-servizzi ta' komunikazzjoni skont l-imsemmija leġislazzjoni fl-inkjesta dwar il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia inġabret illegalment u m'ghandhiex tintuża fil-kumpilazzjoni **Il-Pulizija vs George Degiorgio et** u kwalsiasi proċeduri oħra. F'dik il-kawża r-rikorrent isostni li d-data li nġabret kienet ingħatat lill-uffiċjali tal-Federal Bureau of Investigation (FBI).

iv. Permezz ta' rikors li ppreżenta flimkien mal-imsemmija rikorsi, ir-rikorrent talab għall-*interim measure*. It-talba kienet sabiex il-Qorti tordna li l-uffiċjali tal-FBI ma jixhdux quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-kumpilazzjoni **Il-Pulizija v. George Degiorgio et** sakemm ikunu deċiżi l-kawżi kostituzzjonali bin-numru 52/2018 u 57/2018.

v. Fil-21 ta' Mejju, 2018 fil-kawża 52/2018LSO, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent għall-*interim measure*. Il-Qorti kkonkludiet li t-talba kienet fiergħa u vessatorja.

vi. Fit-22 ta’ Mejju, 2018 ir-rikorrent appella mill-provvediment tal-21 ta’ Mejju, 2018. Sussegwentement, wara d-digriet tat-22 ta’ Mejju 2018 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, irrinunzja għal dak l-appell.

vii. B’deċiżjoni tat-22 ta’ Mejju, 2018 b’riferenza għall-kawża 57/2018AF, il-qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent għall-*interim measure* mitlub.

viii. Fis-seduta tat-22 ta’ Mejju, 2018 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ir-rikorrent talab li l-uffiċjali tal-FBI ma jixhdux dakinhar minħabba l-appell li kien ippreżenta l-ġurnata ta’ qabel u l-appell li kien ser jippreżenta b’riferenza għad-digriet li l-Prim’Awla tat ftit ħin qabel dik is-seduta. Alternattivament talab li l-Qorti tordna riferenza kostituzzjonali.

ix. B’digriet mogħti dakinhar stess, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent u xehedu uffiċjali tal-FBI u ppreżentaw dokumenti. Fid-digriet il-Qorti qalet li wara li qieset l-ewwel deċiżjoni tal-Prim’Awla, “*.... billi din il-Qorti tkompli tisma’ dawn il-proċeduri senjatament ix-xhieda tal-membri tal-FBI ma hijiex ser tkun qiegħda ssir ħsara irreparabbli għall-każ tal-imputati u dan għaliex kif diġa` ingħad fid-digriet ta’ din il-Qorti, din hija Qorti Istruttorja fejn għandu jsir il-ġbir tal-provi mingħajr dewmien sabiex issir*

*ġustizzja u jekk din il-Qorti taċċedi għat-talba tal-imputat, ser tkun hi stess li tkun qed tilledi d-drittijiet tal-imputat billi ma tkunx qed tara li l-proċeduri jkunu qegħdin isiru fiż-żmien raġonevoli*".

x. Sussegwentement, ir-rikorrent irrinunzja għall-appell mid-deċiżjoni tal-21 ta' Mejju, 2018 fil-kawża 52/2018, filwaqt li m'appellax mid-deċiżjoni tat-22 ta' Mejju, 2018 peress li jsostni li ma kienx hemm iktar skop li jappella wara li fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2018 instemgħu x-xhieda.

xi. Il-kawża kostituzzjonali 57/2018AF għadha pendenti quddiem l-ewwel Qorti, filwaqt li fis-6 ta' Diċembru, 2018 ir-rikorrent irrinunzja għall-kawża 52/2018LSO.

**<u>Natura ta' provvedimenti li tat il-Prim'Awla dwar rikorsi tar-rikorrent għall-*interim measure.*</u>**

6. Fl-istadju tal-appell il-kontendenti għamlu argumenti differenti dwar il-provvedimenti ta' interim measures li dwarhom jitrattaw dawn il-proċeduri. Filwaqt li r-rikorrent isostni li dawk id-digrieti ingħataw ai termini tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, l-Avukat Ġenerali isostni li d-digrieti huma interolutorji u għalihom japplika l-artikolu 229 tal-Kap. 12.

7. Ir-rimedju ta' *interim measure* insibuh fir-*Rules of Court* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara paragrafu 39) u mhux fil-Konvenzjoni. Dawn jingħataw *"..... in the interests of the parties or of the proper conduct of the proceedings"*. Ordnijiet li normalment isiru f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tkeċċija jew estradizzjoni fejn ir-rikorrent ikollu l-biża' li ser isofri trattament inuman jew degradanti (artikolu 3 tal-Konvenzjoni) jew li ħajtu ser tkun f'periklu (artikolu 2 tal-Konvenzjoni).

8. Il-ġurisprudenza lokali tirrikonoxxi li f'kawża fejn ir-rikorrent ikun qiegħed jilmenta minn leżjoni ta' dritt fundamentali, mhemm xejn x'iżommu milli jitlob għall-*interim measure* sakemm tinqata' kawża kostituzzjonali. L-Avukat Ġenerali ma qal xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-qorti li dan m'għandux ikun, għalkemm wieħed jista' jargumenta dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex jintalab rimedju *interim*.

9. Artiklu 4(2) tal-Kap. 319 jipprovdi li l-Prim'Awla għandha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba li ssir minn persuna li tallega ksur jew li jkun aktarx ser isir ksur ta' wieħed mid-drittijiet fundamentali, u:

> "*..... tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna*".

10. Imbagħad skont subinċiż (4) tal-istess artikolu, kull parti f'kawża bħal dik *".... jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali"*.

11. L-istess disposizzjonijiet jinsabu fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

12. Fis-sentenza **Sherif Shennawyh v. L-Avukat Ġenerali et** tad-29 ta' Marzu, 2019 din il-Qorti kkonfermat li bażat fuq l-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 219, qrati li għandhom ġurisdizzjoni f'kawżi kostituzzjonali għandhom is-setgħa li jagħtu ordnijiet ta' natura temporanja.

13. Digriet dwar talba għall-*interim measure* mhuwiex jiddetermina il-meritu tal-kawża. Ordni intiża sabiex tevita milli ssir ħsara rreparabbli għal ċertu interessi ta' xi parti fil-kawża.

14. M'hemmx dubju li l-ordnijiet temporanji mhumiex sentenzi. B'dak il-provvediment il-Qorti ma tkunx qegħda tiddeċiedi l-meritu tal-kawża jew l-eċċezzjonijiet, inkluż dawk preliminari.

15. Fis-sentenza **Ryan Briffa v. Avukat Ġenerali** tat-13 ta' Ġunju, 2013 din il-Qorti qalet li ordnijiet simili:

> "*..... ma jistgħux ikunu ħlief* ***<u>interlokutorji</u>*** *għaliex jiġu neċessarjament inizjati matul l-andament tal-kawża, iħallu għal kollox miftuh id-dibattitu fil-mertu tar-rikors, ma hux ta' natura definittiva, u neċessarjament jippresta ruħu li jiġi mibdul mill-Qorti*".

16. F'dik is-sentenza l-Qorti kompliet iżżid li peress li d-digriet ikun ingħata skont l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, isegwi li kif jingħad f'subartikolu

(4) tal-istess disposizzjoni hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk ma japplikax l-artikolu 229 tal-Kap. 12. B'dak ir-raġunament ikun ifisser li r-rikorrent ma kellux jedd jappella mid-digriet tal-21 ta' Mejju, 2018 (fil-kawża bir-rikors numru: 52/2018LSO) għaliex il-Prim'Awla kkonkludiet li t-talba tar-rikorrent kienet *"manifestament fiergħa u vessatorja"*. Fil-fatt subartikolu (5) tal-artikolu 4 tal-Kap. 319 u subartikolu (5) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jipprovdu li mhemmx jedd ta' appell quddiem din il-Qorti *"minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba ..... **tkun sempliċement frivola jew vessatorja**"*.

17. Min-naħa l-oħra fis-sentenza **Olena Verbystka Caruana vs Avukat Ġenerali et** tat-18 ta' Frar, 2019, din il-Qorti qalet li meta tqies is-subartikoli (1), (2) u 3 tal-artikolu 4 tal-Kap. 319:

> "*.... Dan kollu jista' biss jiftiehem li qed isir fil-kuntest li jwasslu mhux għal digriet interlokutorju iżda għal sentenza jew deċiżjoni li fin-natura tagħha ma tkunx rivedibbli jew revokabbli mill-qorti li tkun tatha. B'hekkk il-parti li ma taqbilx ikollha dritt li tappella ai termini tas-subartikolu 4(4) ta' dik il-liġi mingħajr il-permess tal-ewwel Qorti*".

18. F'dak il-każ din il-Qorti kkonkludiet li digrieti relatati mal-*interim measure* li talbet ir-rikorrenti, kienu digrieti li setgħu jitħassru minn dik il-Qorti li tkun tathom. F'dik is-sentenza l-qorti qalet li għal dak id-digriet kien japplika l-artikolu 229 tal-Kap. 12 u kkonkludiet li appell seta' jsir biss wara li jintalab il-permess tal-Prim'Awla. F'dak il-każ id-digriet kontestat kien jikonsisti f'revoka ta' *interim measure*.

19. Rilevanti dak li qalet din il-Qorti fid-deċiżjoni **Alfred Degiorgio v. L-Avukat Ġenerali et** (Rikors 29/2018) tat-12 ta' Lulju, 2019. F'dak il-każ ir-rikorrent appella minn provvediment tal-ewwel Qorti li ċaħditlu t-talba għall-*interim measure* sabiex tissospendi l-ħatra ta' wieħed mill-esperti li nħatar fl-inkjesta u tordna li ma jixhedx fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Din il-Qorti qalet:-

> "*6. Il-provvediment li minnu sar dan l-appell għalhekk huwa dikriet interlokutorju u ma huwiex sentenza finali, għalkemm erronjament l-ewwel qorti sejħitlu sentenza.* ***Għalhekk biex isir appell minnu jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*** *Ladarba ma huwiex fost id-dikrieti msemmija fl-art. 229(2) (li minnhom jista' jsir appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva) irid bilfors ikun jew fost id-dikrieti msemmija fl-art. 229(1) (li ma jistax isir appell minnhom qabel ma tingħata s-sentenza definittiva) jew fost id-dikrieti residwali msemmija fl-art. 229(3) (li jista' jsir appell minnhom biss jekk jingħata permess speċjali mill-qorti li tkun tathom). Jekk fl-ewwel każ, ma setax isir appell ladarba għadha ma ngħatatx is-sentenza definittiva; jekk fit-tieni każ, qabel ma sar l-appell kellu jintalab permess speċjali mingħand l-ewwel qorti, li la ntalab u lanqas ingħata*".

20. F'dik l-istess sentenza l-Qorti qalet li d-digriet ta' ordni temporanja hu biss ***'episodju fil-kawża kostituzzjonali'***.

21. Jekk wieħed iqies il-provvedimenti li ngħataw fil-21 u 22 ta' Mejju, 2019 bħala digrieti interlokutorji li jissemmew fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12, ir-rikorrent kellu jitlob permess lill-ewwel Qorti sabiex ikun jista' jappella minnhom (artikolu 229 tal-Kap. 12). F'dan il-każ ir-rikorrent ma talabx il-permess tal-Prim'Awla qabel ippreżenta l-appell mid-digriet tal-21 ta' Mejju, 2018 (Rikors 52/2018). Fir-rigward tad-digriet l-ieħor li ngħata fit-

22 ta' Mejju, 2018 mill-Prim'Awla fil-kawża 57/2018, kien inutli li jitlob permess sabiex jappella għaliex dakinhar xehdu l-uffiċjali tal-FBI quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja wara li dik il-qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex ix-xhieda ma jinstemgħux dakinhar.

22. Il-liġi Maltija tipprovdi r-rimedju tal-mandat ta' inibizzjoni sabiex persuna tinżamm milli tagħmel, *".... kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat"* (artikolu 873(1) tal-Kap. 12). Mill-istess disposizzjoni tal-liġi hu ċar ukoll id-definizzjoni wiesgħa tal-kelma 'persuna'.

23. Fis-sentenza **Marion Pace Axiaq et nomine v. L-Onorevoli Prim Ministru et** (Rikors 63/19/1) tas-27 ta' Settembru, 2019, din il-Qorti għamlitha ċara li:

> "*12. Ma huwiex għal kollox korrett dak li qalet l-ewwel qorti illi, "l-Kodiċi ta' Proċedura ma jagħtix .... jedd ġeneriku ta' interim measures". Il-liġi domestika taħseb għal interim measures: insejħulhom mandati kawtelatorji, u, ladarba hemm proċedura speċifika li tirregola dawn il-mandati li ma ntweriex li hija inkompatibbli mal-liġi ewropea, l-atturi kellhom jinqdew b'dik il-proċedura u mhux jippretendu li tinħoloq proċedura speċjali għalihom.*
>
> "*13. Fil-każ tal-lum dak li riedu l-atturi bħala interim measure huwa li jwaqqfu lill-gvern milli jaħtar imħallfin jew maġistrati ġodda sakemm tinqata' l-kawża; din hija ħaġa li jaħseb għaliha l-mandat ta' inibizzjoni, u ma kien hemm xejn li jżomm lill-atturi milli jfittxu dak ir-rimedju, ukoll jekk jippreferixxu jsejħulu interim measure flok mandat kawtelatorju*".

24. Ir-rikorrent talab li jingħata provvediment temporanju sabiex ma jinstemgħux xhieda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-qorti ma tarax li f'dan il-każ kien hemm xi ħaġa li jipprekludi

lir-rikorrent milli jippreżenta rikors għall-ħruġ ta' dak it-tip ta' mandat kawtelatorju. Pero' mill-atti hu evidenti li ma segwiex dik il-proċedura.

25. Fiċ-ċirkostanzi il-qorti tagħmel l-istess raġunament li għamlet fis-sentenza bejn l-istess partijiet (Rikors 29/2018) tat-12 ta' Lulju, 2019. Id-digrieti tal-21 u 22 ta' Mejju, 2018 huma digrieti interlokutorji. Digrieti li jolqtu wkoll il-kawżi kostituzzjonali, meta tikkunsidra r-rimedji wesgħin li talab ir-rikorrent fiż-żewġ kawżi. Digrieti li sabiex isir appell minnhom qabel is-sentenza definittiva, kien jeħtieġ il-permess tal-ewwel qorti (artikolu 229(4) tal-Kap. 12).

26. Fir-rigward tad-digriet tal-21 ta' Mejju, 2018 sar appell mingħajr ma ntalab permess. Min-naħa l-oħra meta fit-22 ta' Mejju, 2018 xehedu r-rappreżentanti tal-FBI kien għadu għaddej it-terminu sabiex ir-rikorrent jitlob il-permess sabiex jappella mid-digriet li l-Prim'Awla tat dakinhar stess. Għaldaqstant, il-qorti xorta ser tikkunsidra l-każ fil-meritu.

## Mertu

27. Ir-rikorrent jilmenta li l-effett tad-digriet tat-22 ta' Mejju, 2018 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kien li ġab fix-xejn l-appell li kien ippreżenta mid-deċiżjoni tal-21 ta' Mejju, 2018 (rikors 52/2018LSO), u ġabu f'posizzjoni li għal xejn jappella mid-digriet tat-22 ta' Mejju, 2018 ġialadarba li dakinhar stess xehdu uffiċjali tal-FBI u ppreżentaw dokumenti.

28. L-għan tar-rikorrent wara r-rikorsi li ppreżenta kien sabiex l-uffiċjali tal-FBI ma jixhdux, u dan sakemm ikun hemm *res judicata* fiż-żewġ kawżi 52/2018AF u 57/2018LSO. Hu għalhekk ovvju li bid-digriet tat-22 ta' Mejju, 2018 u l-fatt li dakinhar fil-kompilazzjoni xehdu l-uffiċjali tal-FBI u ppreżentaw dokumenti, ma kienx hemm iktar skop għall-appelli mill-imsemmija digrieti.

29. Bil-mod li qiegħed jirraġuna r-rikorrent ifisser li t-teżi tiegħu hi li fit-22 ta' Mejju, 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kellha obbligu li ma tismax lix-xhieda sakemm jinqata' l-appell mill-provvediment tal-21 ta' Mejju, 2018 u eventwalment l-appell li kien għad irid jippreżenta mill-provvediment tal-20 ta' Mejju, 2018. Għalhekk jekk għandu raġun, ikun ifisser li dik il-Qorti ma kellhiex diskrezzjoni biex tiddeċiedi għandhiex tisma' x-xhieda dakinhar tas-seduta. Raġunament li din il-Qorti ma taqbilx miegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kienet fl-aħjar posizzjoni sabiex tiddeċiedi jekk fiċ-ċirkostanzi kellhiex tkompli taqdi d-dmir skont il-liġi li tiġbor il-provi. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra x'inhu d-dmir ta' dik il-Qorti li mhijiex il-Qorti li ser tiddeċiedi l-meritu, u l-fatt li s-smiegħ tax-xhieda ma kienx jippreġudika b'mod irriversibbli l-posizzjoni tar-rikorrent.

30. Ir-rikorrent ilmenta li bid-digriet tat-22 ta' Mejju, 2018 il-Qorti ċaħditlu d-dritt għall-aċċess lill-Qorti. Il-Qorti ma taqbilx. Ir-rikorsi għall-

*interim measure* ma kinux jitrattaw il-meritu. Minkejja d-digriet tat-22 ta' Mejju, 2018 xorta għandu l-jedd għall-aċċess lill-Qorti tant hu hekk li sal-lum hemm il-kawża 57/2018AF li għadha pendenti, u li fiha r-rikorrent talab ukoll li:-

> "*x. Tagħti ukoll dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi kollha neċessarji sabiex tassigura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent*".

31. Għalhekk ir-rikorrent ma llimitax ruħu dwar it-tip ta' rimedju li qiegħed ifittex.

32. Il-proċess kriminali li hemm kontra r-rikorrent u oħrajn għadu pendenti u għalhekk għad jista' jingħata rimedju jekk għandu raġun fil-meritu f'dak li qiegħed jallega. Fir-rigward tal-kawża l-oħra 52/2018LSO kien ir-rikorrent li għażel li jirrinunzja għall-kawża. Dawk iż-żewġ kawżi huma fihom infushom prova li r-rikorrent altru milli qiegħed igawdi minn *right of access to a court*.

33. Inoltre, fil-ġurnata li fiha xehdu l-uffiċjali tal-FBI ma kienx hemm ordni ta' Qorti li m'għandhomx jixhdu jew jippreżentaw dokumenti. Skont l-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali dik il-Qorti għandha d-dmir li, *"…. tisma' l-provi li jinġiebu biex isaħħu r-rapport"*. Provi li eventwalment jiffurmaw parti mill-proċeduri li jsiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jew Qorti Kriminali. Għalhekk mhijiex il-qorti istruttorja li tiddeċiedi il-meritu tal-kawża kriminali. Nafu llum li

kontra r-rikorrent ħareġ att ta’ akkuża u l-każ tiegħu eventwalment ser jinstema’ u jkun deċiż mill-Qorti Kriminali.

34. Wieħed irid ukoll jiftakar li meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat id-digriet tat-22 ta’ Mejju, 2018 kellha quddiemha żewġ digrieti li ngħataw mill-Prim’Awla li ċaħdu t-talbiet tar-rikorrent sabiex ikun hemm ordni li l-uffiċjali tal-FBI ma jixhdux sakemm hemm pendenti l-kawżi kostituzzjonali fuq imsemmija. Saħansitra f’wieħed minnhom il-Prim’Awla ikkonkludiet li t-talba *‘hija manifestament fiergħa u vessatorja’*. Digrieti li huma ċari li r-rikorrent lanqas biss ma kien wera li kien ser isofri ħsara irreparabbli jekk jinstemgħu x-xhieda fl-istadju tal-kumpilazzjoni.

35. Il-Qorti żżid li għall-finijiet tal-jedd fundamentali tas-smiegħ xieraq, wieħed irid jeżamina dak kollu li jkun seħħ matul il-proċess u mhux jibbaża d-deċiżjoni fuq inċident iżolat fil-kors tal-proċediment. Hu fatt li *a priori* wieħed ma jistax jeskludi li ċirkostanza partikolari fil-kors tal-proċess kriminali tista’ tkun tant deċiżiva li tista’ twassal sabiex teżiġi li jiġi determinat jekk f’dak l-istadju seħħx ksur tal-jedd fundamentali għas-smiegħ xieraq. F’dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza **Ibrahim and Others v. The United Kingdom** tal-Grand Chamber tat-13 ta’ Settembru, 2016 fejn intqal:

“***(b) General approach to Article 6 in its criminal aspect***

*“250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular*

*case (see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

"*251.* ***Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings*** *(see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100). However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole (see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005; and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008)*".

36. Fil-każ in eżami sal-lum il-meritu tal-kawża 57/2018AF u l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għadhom *sub judice*, u jekk eventwalment ir-rikorrent jingħata raġun il-Qorti għandha poteri ferm wesgħin dwar ir-rimedju li tista' tagħtih (ara per eżempju artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319), iktar u iktar meta tqis li l-proċeduri kriminali għadhom pendenti. Min-naħa l-oħra fil-mori ta' din il-kawża r-rikorrent għażel li jirrinunzja għall-kawża 52/2018LSO. Żvilupp importanti għaliex b'hekk ir-rikorrent ma baqax jinsisti fuq l-ilment li l-uffiċjali tal-FBI ħadmu mal-espert Dr Martin Bajada li nħatar mill-Maġistrat

Inkwirenti sabiex jassisti fl-inkjesta. Meta wieħed iqis dak kollu li ntqal f'din il-parti tas-sentenza, il-konklużjoni hi waħda. Fir-rigward tar-rikors li għandu x'jaqsam mal-kawża 52/2018LSO ir-rikorrent m'għadx għandu interess ġuridiku li jilmenta ġialadarba għażel minn jeddu li jirrinunzjaw għall-kawża.

37. Rilevanti wkoll li r-rikorrent lanqas wera li għallinqas kellu *probabilis causa litigandi* fl-appell li ppreżenta mid-digriet tal-21 ta' Mejju, 2018. Dan meta tqies il-provvediment dettaljat u raġunat li tat il-Prim'Awla fir-rigward tat-talba tar-rikorrent għall-*interim measure*, u r-rikors tal-appell li ppreżenta r-rikorrent fit-22 ta' Mejju, 2018. Il-jedd tal-appell mhuwiex qiegħed hemm sabiex ikun abbużat. Il-Qorti biżżejjed issemmi li f'dan il-każ bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li l-fatt waħdu li xehdu l-uffiċjali tal-FBI wassal għal xi ħsara irreparabbli għad-difiża tar-rikorrent meta tikkunsidra li l-istadju li fih xehdu kien wieħed ta' ġbir ta' provi. Il-ħsara irreparabbli hu wieħed mill-elementi essenzjali li l-ġurisprudenza rrikonoxxiet li għandha tirriżulta sabiex tintlaqa' talba għall-ordni temporanja. F'dan ir-rigward din il-Qorti diġa` kellha l-opportunita` li tiddeċiedi li s-smiegħ ta' xhud fl-istadju ta' kumpilazzjoni, fejn il-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Istruttorja hu l-ġbir tal-provi u mhux li tiddeċiedi l-meritu tal-każ, ukoll jekk hu ta' preġudizzju għar-rikorrent hu rimedjabbli u għaldaqstant mhemmx ħtieġa ta' ordni temporanja (ara deċiżjoni ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2019 fil-każ **Alfred Degiorgio v. Avukat Ġenerali et** – Rikors 29/2018/1).

38. Ilment ieħor tar-rikorrent hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li r-rikorrent ma ġarrabx ksur tad-dritt fundamentali protett bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi:-

> "*Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity*".

39. Ir-rikorrent isostni li bid-digriet li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li wassal sabiex jinstemgħu ix-xhieda, ġie mċaħħad mir-rimedju effettiv ta' appell quddiem din il-Qorti. Ġialadarba r-rikorrent ma ngħatax raġun fir-rigward tal-ilment li bid-digriet li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat-22 ta' Mejju 2018 sofra leżjoni tad-dritt fundamentali għas-smigħ xieraq, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-6 ta' Ġunju, 2019. Spejjeż a karigu tar-rikorrent.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb